**QORTI TA' L-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**
**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 512/2009**

**MALTA TICKET.com LIMITED**

**Vs**

**EMANUEL sive NOEL MAGRI,**

**personalment u in rappresentanza**

**tas-socjeta civili Mega Music**

**Management International**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Ottubru, 2012 fejn ġie deċiż dan li ġej:

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin Ewro u sebgha u tmenin centesmu (€11,646.80) jew somma ohra verjuri li ma teccedix il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti in linja ta' danni likwidati sofferti mis-socjeta' attrici wara inadempjenza kuntrattwali minn naha tieghu proprio et nomine meta dwar avveniment bl-isem 'The Coca Cola Malta Music Awards' sehh fis-serata ta' nhar is-Sibt 5 ta' Dicembru 2009, naqas milli jingagga s-servizzi ta' l-istess socjeta' attrici minkejja l-obbligi tieghu f'dan is-sens naxxenti mill-kuntratt li vera kopja tieghu jinsab esebit u anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 27 ta' Ottubru 2009 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok B) flimkien ma' imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi mill-5 ta' Dicembru 2009 data tal-pagament effettiv, ilkoll kontrih proprio et nomine bl-ingunzjoni in subizzjoni kontra tieghu.*

*Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-atti nhar it-23 ta' Frar 2010 fejn eccepixxa s-segwenti:-*

*1. "Illi preliminarjament l-intimat Emanuel sive Noel Magri mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni mas-socjeta rikorrenti.*

*2. Ili it-talbiet hekk kif kontenuti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-avveniment 'The Coca Cola Malta Music Awards ' tas-sena 2009 u li gie organizzat nhar is-sibt 5 ta; Dicembru 2009 ma sarx mis-socjeta Mega Music Management International.*

*3. Illi inoltre is-socjeta rikorrenti ma tistax tippretendi hlas ta' xoghol illi hija m'ghamlitx.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

***Noel Magri** xehed fl-10 ta' Gunju 2010 fejn ghamel referenza ghall-agreement li jinsab inserit fl-atti a fol 2 u mmarkat bhala Dok A. Huwa spjega li Mega Music Management International hija partnership bejnu u bejn Carlo Borg Bonaci. Huma kienu qeghdin jitkellmu mas-socjeta' attrici dejjem f'isem Mega Music. Huwa stqarr illi dak iz-zmien tal-ftehim, il-partnership Mega Music Management Limited International kienet qed torganizza music events li wiehed minnhom kien Music Awards.*

***Noel Magri** in kontro-ezami fit-22 ta' Gunju 2010 gie mistoqsi jekk huma ghandhux xi ftehim bil-miktub ma' Carlo Borg Bonaci dwar il-partnership civili taghhom pero' iddikjara li ftehim bil-miktub ma hemmx.*

***Dr. David Pollina** xehed fis-7 ta' Dicembru 2010 fejn iddikjara li huwa l-Managing Director u Chief Executive Officer tal-kumpanija MaltaTicket.com Ltd. Huwa kkonferma li MaltaTicket.com Ltd ghamlet service agreement ma' entita' li kienet qed tigi rapprezentata minn Mega Music Management International. Sussegwentament huwa sar jaf li Mega Music Management International mhix entita' separata izda partnership.*

*Il-ftehim maghhom kien gie ffirmat minn Noel Magri fil-kapacita' tieghu ta' partner ta' l-istess socjeta' u dan sar fis-27 ta' Ottubru 2008. Huwa ra s-service agreement li hu esebit bhala Dok. A u kkonferma li hu l-istess wiehed.*

*Dan is-service agreement jipprovdi li l-kuncerti li jsiru minn Mega Music Management International iridu jghaddu minn Maltaticket.com Ltd. Infatti l-ewwel kuncert inbiegh kollu. Pero' fil-kuncert tas-sena l-ohra li kien il-Coca Cola Malta Music Awards li sar fil-5 ta' Dicembru 2009 inkiser il-kuntratt.*

*Huwa esebixxa set ta' emails li ghaddew bejniethom li gew immarkati bhala Dok MT. Huwa stqarr li malli sar jaf bl-avveniment huwa baghat*

*e-mail fis-17 ta' Ottubru 2009 lil Noel Magri u Carlo Borg Bonaci fejn staqsa meta ha jibdew u jekk hux ha jzommu l-istess format bhas-sena ta' qabel. Mr Magri wiegeb li ma kienx ha juza s-sistema taghhom u hawn ix-xhud fakkru li kienu taht kuntratt. Magri wiegeb lura fejn qal li kienu bidlu l-agreement is-sena ta' qabel biex joffru prezz irhas ghal complimentary tickets u li nofs id-dhul ha jinghata donazzjoni lil Community Chest Fund. Huwa wiegbu li dan kien irrelevanti u kkonferma li kienu biddlu r-rata tal-complimentary ticket. Dan it-tibdil fir-rata jidher minn punt 30 sa punt 15 fil-kuntratt.*

*Sussegwentement huma wiegbuh u qalulu li m'ghadhomx jiehdu hsieb dan l-avveniment izda kien ha jiehu hsiebu l-MFCC. Ix-xhud wegibhom li jekk ha joqghodu jilghabu ha jinqabdu u fil-fatt hekk gara. Dawn l-emails baghthom lill-avukat tieghu u whud minnhom baghthom lil Dr Luigi Sansone.*

*Ix-xhud tenna li gie offrut somma flus ta' mitejn ewro (€200) biex jissetiljaw din il-pendenza izda huwa rrifjuta. Din is-somma hi bbazata fuq kemm l-konvenuti hasbu li qalghu profitt is-sena ta' qabel. Huwa qal li jrid jiccekja fl-ufficju tieghu kemm fil-fatt kien il-profitt. Pero' huwa qal li kien inqas minn elf Ewro. Pero' l-ahhar event kien kompletament differenti minn dak ta' qablu.*

*Huwa kkonferma li l-kuntratt illum il-gurnata huwa tterminat. Huwa ddikjara li ma kienux involuti fil-funzjoni ta' l-2007.*

**Dr. David Pollina** *reggha xehed nhar l-10 ta' Jannar 2011 u pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok ZS li jindika il-hlas li ghamel il-konvenut lilhom fis-sena 2008. F'dan id-dokument hemm indikat kemm il-biljett bieghu mis-sistema taghhom li jammontaw ghal erba' mija u wiehed u disghin (491) biljett. Ghalkemm qal li kien hemm aktar nies li attendew ghal din l-attivita' presumilment il-konvenut kien gja biegh numru ta' biljetti qabel ma ghamel il-ftehim maghhom. Qal li dan il-*

*ftehim ma kienx accettabli ghalihom u ghalhekk ghal dik is-sena 2008 ma qal xejn pero' dik il-procedura ma setghetx tintuza ghall-futur. Fis-sena 2008 kienu rcevew is-somma ta' tliet mija u tmienja u hamsin Ewro u tlettax-il Ewro centezmu (€358.13) minghand il-konvenut bhala commission. Jestima li kull bniedem hallas xi tlieta u tletin (33) Ewro centezmu kummissjoni.*

*Ikkonferma li l-kuntratt ma inbidilx mis-sena 2008 sas-sena 2009 hlief li ma accettawx li jinbieghu xi biljetti mhux permezz taghhom. Il-kuntratt gie ffirmat mal-konvenut u jinsab esebit a fol. 2 tal-atti datat 27 ta' Ottubru 2008. Gie iffirmat wara li l-progett ta' Coca Cola kien gja gie varjat u l-biljetti kienu diga' qed jinbieghu ghal dik l-attivita'. L-attivita' tal-Coca Cola saret f'Dicembru 2008. Qal li l-procedura ta' kif jinghataw biljetti li huma complimentary, huma imsemmija fil-kuntratt u hemm hlas ghalihom. Il-ftehim jesigi li kollox jghaddi mis-sistema taghhom skond ftehim verbali li kellhom. Tenna li ghal dik is-sena 2008 huma taw commission lill-konvenut ghal bejgh ta' biljetti li kien diga' ghamel. Ma jistax jghid kemm attendew nies ghal din l-attivita' fis-sena 2008 ghaliex hadd ma ghadd in-numru ta' nies li dahlu mill-bieb. Ghalkemm minn informazzjoni moghtija mill-istess konvenut fil-website tieghu hemm reklamat li jattendu 'l fuq minn hamest elef ruh kull sena ghal din l-attivita'. Huwa esebixxa kopja ta' dak li hemm reklamat fuq il-website tieghu li giet immarkata bhala Dok. X u f'dan id-dokument hemm referenza ghall-attivita' li kellha ssehh nhar il-15 ta' Lulju 2009. Ipprezenta wkoll press release mahruga mill-konvenut fis-sena 2009 u hemm ukoll ritratt ta' press conference li introduca din l-attivita'. Jidher Carlo Bonaci fuq in-naha tax-xellug li fil-fehma tieghu hu involut f'din l-organizazzjoni. Jidher fuq il-head table ta' din il-konferenza u ghal darb ohra hemm imsemmi li jattendu aktar minn hamest elef ruh ghal din l-attivita'.*

**Dr David Pollina** *xehed in kontro-ezami nhar is-17 ta' Jannar 2012 u mistoqsi mid-difiza ghaliex kien qed jippretendi is-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin Ewro centezmu (€11,646.87) bhala danni meta fl-avvenimenti ta' qabel kienu qalghu anqas wiegeb li f'dan l-avveniment li nzamm fil-5 ta' Dicembru 2009 kien hemm hafna aktar nies milli kienu attendew fis-snin ta' qabel. Mistoqsi jekk jafx bl-ezatt in-numru tan-nies li attendew din l-attivita' u cioe' dik mizmuma fil-5 ta' Dicembru 2009 qal li le ma jafx. Qal li ma kienx hemm min izomm rendikont tan-nies dehlin. Jaf kemm marru nies skond dak li gie rapportat fil-media. Huwa ma llikwidax id-danni li qed jippretendi u fil-fatt dan mhux xoghlu izda xoghol l-avukat tieghu. Fis-sena ta' qabel kienu taw concessjoni unika fis-sens li l-biljetti li kienu gja hargu ma thallsux taghhom minghand il-konvenuti u dan ghaliex meta ghamel il-ftehim l-konvenuti kienu gja bieghu xi biljetti. Ghalkemm wara insista maghhom li fis-snin ta' wara kellhom jonoraw il-ftehim li kellhom mieghu. Tenna li fil-ftehim li jirrigwarda l-funzjoni ta' l-2008, hemm anke referenza ghal biljetti li jinghataw 'complimentary'; ghalkemm fis-sena 2008 il-biljetti Complimentary nhargu bhala invit ufficjali. Complimentaries li kien hargu mis-sistema tal-MaltaTicket kienu thalsu imma dawk mahrugin qabel il-ftehim ma zammewx taghhom. Il-flus li dahlu ghas-sena 2008 kienu relattivi ghan-numru ta' biljetti li kienu bieghu. B'referenza ghad-'damages' li qed jintalbu ghall-funzjoni tas-sena 2009, din hija kwistjoni ta' matematika.*

*Spjega li s-socjeta' Maltaticket kellha tithallas bil-modalita' imsemmija fil-ftehim u cioe 6% fuq il-valur net ta' kull biljett mibjugh bil-permess taghhom, minimu ta' siitin (60) centezmi sa massimu ta' zewg Ewro (€2). Din kienet is-sistema fuq dawk il-biljetti li nbieghu tramite s-sistema taghhom. Pero' dwar dawk il-biljetti li nbieghu 'online' kellhom kummissjoni ta' 3% fuq il-valur net, pre VAT ghal kull biljett mibjugh.*

*Hawnhekk ukoll kellhom minimu ta' tletin centesmi sa massimu ta' Ewro. Il-biljetti complimentary gew ccargjati rata wahda ta' hmistax-il centesmu ghal kull biljett u dan bbazat fuq kwalsiasi numru ta' nies li jattendu l-attivita'. Huwa qal li dan kellu jigi kkonfermat mill-konvenut bil-gurament tieghu meta jixhed.*

*Huwa minnu li l-konvenut kien infurmah li l-attivita' kellha ssir mill-MFCC. Ghalkemm huwa hass li xorta wahda kienet attivita' tas-socjeta' mizmuma mill-konvenuti taht l-awspici tal-MFCC u ghalhekk qed jinsisti li jithallas. Huma kellhom interess li jkunu jafu x'inhu ghaddej stante li din hija attivita' taghhom u ghalhekk l-ftehim xorta kellu jorbot kif jirrizulta mill-preamble tal-ftehim esebit mar-rikors promotur. Huwa ghamel referenza wkoll ghar-ritratt muri a fol 54 tal-atti u jghid li l-persuna li tidher fuq ix-xellug hija l-persuna ta' Carlo Borg Bonaci. Mistoqsi jekk jistax ikun li dik hija il-persuna ta' Colin Fitz flok Carlo Borg Bonaci wiegeb li ma jafux lil Colin Fitz u ghalhekk ma setax iwiegeb tali domanda. Ghalih il-persuna murija fir-ritratt tixbah hafna lil Carlo Borg Bonaci li huwa prezenti barra l-Awla.*

**Ruben Caruana** *xehed nhar it-28 ta' Settembru 2011 u spjega illi huwa inkarigat mill-business developement fl-MFCC. Ikkonferma illi l-attivita' the 'Coca Cola Malta Music Awards' kienet ilha ssir ghal diversi snin gewwa l-MFCC u huwa jinnegozja kemm ma' Carlo Borg Bonaci kif ukoll ma' Noel Magri. Qal pero' li fil-5 ta' Dicembru 2009 ghalkemm kien sar dan l-avveniment jghid li wiehed mid-diretturi cioe' Carlo Borg Bonaci kien indispost hafna u ghalhekk il-komunikazzjoni taghhom saret ma' Noel Magri u sabiex l-attivita ma' tithassarx ghaliex hija attivita' nazzjonali, hadu riskju biex jaghmlu l-attivita' huma stess u organizzawha bhala MFCC ghalkemm mhux is-soltu li jaghmlu hekk. Tenna li Noel Magri kien qisu konsulent sabiex izommu il-kontinwazzjoni, huma onoraw l-istess arrangamenti li kienu jsiru kull*

*sena partikolarment li jonoraw il-kanzunetti Maltin, pero' huma aktar hadu hsieb il-logistika u Noel kien qed jghinhom biss fil-gurija. Mistoqsi jekk kienx hemm xi flejjes li gew moghtija lil xi karita', wiegeb li l-ammont kien wiehed zghir, ghaliex din mhix attivita' fejn jinbieghu il-biljetti. Ghalkemm jkun hemm udjenza ta' xi erbat elef ruh, il-biljetti li jinbieghu ma' jaceddux il-hames mitt biljett.*

**Reuben Caruana** *rega' xehed in kontro-ezami nhar id-29 ta' Frar 2012 u mistoqsi jfisser x'jifhem bil-kelma 'jinnegozjaw ma' Carlo Borg Bonaci fix-xhieda tieghu f'Settembru 2011 meta fil-fatt kienu hadu hsieb The Coca Cola Malta Music Awards wiegeb li din hija attivita' nazzjonali li huma bhala MFCC jisponsorjaw ta' kull sena. Fil-fatt ilhom involuti fiha mill-bidu nett u jemmnu hafna fiha. Meta qal il-kelma 'ninnegozjaw' fisser li huma kellhom diversi laqghat kemm ma' Carlo Borg Bonaci kif ukoll ma' Noel Magri, dwar l-andament ta' dan l-avveniment. Qal li din mhix attivita' daqshekk kummercjali u ghalhekk kien ikun hemm speci ta' partnership. Pero' spjega li fis-sena 2009, Carlo Borg Bonaci kien indispost b'mod serju u l-attivita' ma kinitx ser issir. Fis-snin ta' qabel kienu hadu parti sostanzjali f'din l-attivita' billi pprovdew il-venue u s-sound u meta raw li din l-attivita' setghet ma tigix organizzata dahlu ghaliha huma bil-preparamenti mil-bidu sal-ahhar. B'hekk ried ifisser li hadu hsieb l-organizzazzjoni kollha taghha. F'sens li hadu hsieb, jipprovdu l-isponsors, ibieghu l-biljetti u jiehdu hsieb is-serata kollha. Qal li l-accounts ghal dik is-sena kienu kollha f'idejhom, u seta' jipproduci kopja taghhom fis-seduta li kien imiss.*

**Reuben Caruana** *rega' xehed nhar id-29 ta' Marzu 2012 u muri d-dokument immarkat bhala dok MCC esebit fl-atti, ikkonferma li dawn huma s-sales li huma ghamlu mill-bejgh tal-biljetti dwar l-attivita' li sehhet nhar il-5 ta' Dicembru 2009 f'isem The Coca Cola Music Awards.*

***Reuben Caruana** rega' xehed nhar is-27 ta' Gunju 2012 fejn gie mistoqsi jekk baqalhomx xi chits mil-biljetti li bieghu in konnessjoni mal-attivita' li saret in konnessjoni tal-Coca Cola Malta Music Awards tas-sena 2009, u qal li le illum il-gurnata ma' ghandhomx. Huwa sostna li m'hemmx dokumenti ohrajn dwar il-bejgh ta' biljetti u dwar in-numru ta' nies li attendew ghal din l-attivita'.*

*Ix-xhud saritlu referenza ghal dokument esebit minnu a fol. 88 tal-process. Mistoqsi jispjega dan il-graph, huwa kkonferma li d-data ta' dan l-avveniment kienet 5 ta' Dicembru 2009. Mistoqsi mill-Qorti mnn johrog dan id-dokument wiegeb li jahseb li xi hadd mill-accounts. Huma jirregistraw in-numru ta' biljetti li jkunu dahlu inkluz il-complimentaries, u dan huwa jaghmlu sabiex ikun jaf kemm ikun hemm nies fis-sala dakinhar tal-avveniment. Huwa spjega li effettivament dan l-avveniment jimxi bil-complimentaries, u dakinhar bhala complimentaries kienu nghataw 9,570, pero' xtaq jghid li l-bejgh tal-biljetti kien ta' 430 biljett. Huwa jiftakar li f'dak l-avveniment piu' o meno marru nies 'l fuq minn hamest elef ruh. Huwa qal li dan huwa l-ammont ta' nies li jigu minn sena ghal sena. Mill-accounts jidher, li ghal dan l-avveniment hargu 9,570 complementaries. Dan huwa avveniment fejn huma jaghmlu sponsor tal-kanzunetta Maltija u ftit ikunu effettivament il-biljetti li jinxtraw. Dwar id-dokumentazzjoni li ghandha l-kumpanija tieghu qal in konnessjoni mal-biljetti, dan huwa l-uniku dokument li ghandha.*

***Carlo Borg Bonaci** xehed nhar it-28 ta' Settembru 2011 u kkonferma li fis-sena 2009 huwa kien irtirat, fis-sens li kien ma jiflahx. Noel Magri hass li minghajr il-partecipazzjoni tieghu ma kienx fi stadju li jorganizza 'The Coca Cola Malta Music Awards' u ghalhekk kemm hu kif ukoll Noel kienu waslu f'decizjoni li jirtiraw ghal dik is-sena. Huwa stqarr li s-sistema taghhom tkopri kalendarju annwali muzikali u ghalhekk kien ikun difficli hafna ghalihom biex ikomplu bl-attivita'. Ikkonferma li dan l-*

*avveniment kien ilu jsir mis-sena 2007 u dejjem fil-venue tal-MFCC u ghalhekk Noel flimkien mad-dirigenti tal-MFCC dehrilhom li ma kellhomx jitilfu avveniment nazzjonali u l-MFCC dehrilha li kellha tiehu hsieb l-organizazzjoni ta' dan l-avveniment f'dik is-sena. Huwa spjega li l-involviment tieghu kien wiehed minimu u effettivament kien minn dakinhar tal-5 ta' Dicembru 2009, li huwa rega' hareg fil-pubbliku wara li kien ilu nieqes ghal tmien xhur.*

*In kontro-ezami nhar is-17 ta' Jannar 2012 ix-xhud stqarr li l-Malta Music Awards gie iffurmat minn kumitat fis-sena 1995, u naturalment maz-zmien inbiddlu wkoll il-membri ta' dan il-kumitat. Ricentement pero' baqghu huwa u Noel Magri, ghalkemm huwa Noel Magri li huwa l-owner tal-Malta Music Awards. Mistoqsi jekk kellux xi ftehim bil-miktub dwar il-partnership li kellu ma' Noel Magri jghid li le ma kellux. Ikkonferma li f'dawn l-ahhar snin l-awards gew organizzati kemm minn Noel Magri kif ukoll minnu flimkien. Peress li hafna mix-xoghol jaqa' fuqu mill-aspett muzikali, Noel hass li m'ghandux kwalitajiet sabiex jahdem il-Malta Music Awards wahdu fis-sena 2009 u peress li Carlo kien indispost Noel u Carlo hassew li ghal dik is-sena, cioe' s-sena 2009 ma jorganizzawx din l-attivita'. Fil-fatt fil-passat kienu qeghdin jorganizzaw dan l-avveniment kull sentejn. Meta huma nfurmaw lill-MFCC dwar din is-sitwazzjoni huma oggezzjonaw ghaliex hasbu li kienu ser jitilfu l-momentum taghhom dwar din l-organizzazzjoni vis-a-vis kompetizzjoni ta' awards ohra simili, u ghalhekk gie deciz li l-avveniment kien ser jinzamm xorta pero' tramite l-MFCC, u jiehdu hsieb l-organizzazzjoni huma stess. Minn naha tieghu, bil-limitazzjonijiet li kellu ghax kien irtirat, kien biss konsulent. Sa fejn jaf hu, Noel kien qed jaghmel l-istess mal-MFCC. Mistoqsi jekk jafx li Noel effettivament kellu kuntratt mas-socjeta' attrici jghid li iva jaf li kellu. Ikkonferma li l-persuna murija f'dan ir-ritratt a fol. 54 mhux hu, izda hija il-persuna ta' Colin Fitz li*

*kienet giet appuntata mill-MFCC sabiex tiehu hsieb il-PR ta' dan l-event, peress li dan ghandu l-bazi muzikali f'dan it-tip ta' xoghol***.**

*Il-konvenut* ***Noel Magri*** *xehed fit-28 ta' Settembru 2011 u stqarr illi huwa partner ma' Carlo Borg Bonaci fil-partnership The Music Management International u kkonferma wkoll li huma responsabbli ghal 'The Coca Cola Malta Music Awards' ta' kull sena. Huwa spjega pero' li fis-sena 2009 Carlo Borg Bonaci kien indispost sew u huwa ma hassx li kellu jaghmel dan l-avveniment wahdu. Huma kienu tkellmu ma' l-MFCC management u d-dirigenti tal-MFCC iddecidew li jorganizzaw dan l-avveniment huma stess sabiex ma jitilfux dik is-sena u jkun hemm kontinwita' f'dan l-Award. Huwa kien ilu nvolut f'dan l-avveniment sa mis-sena 1995 u kellu esperjenza vasta u ghalhekk kien ghenhom sa fejn seta'. Fil-fatt qal li ghall-avveniment ta' dik is-sena ma uzawx il-VAT book taghhom izda l-VAT book tal-MFCC direttament u tenna illi l-bejgh sar minn ghandhom stess u l-flus gabruhom huma wkoll. Esebixxa dokument mahrug mill-MFCC indirizzata lill-Commissioner of VAT li jkopri l-avveniment 'TheCoca Cola Malta Music Awards' li nzamm fil-5 ta' Dicembru 2009. Dan id-dokument li huwa ffirmat minn Ruben Caruana gie markat bhala dokument 'Z'.*

***Noel Magri*** *rega' xehed fit-23 ta' Novembru 2011 fejn iddikjara li huwa kien irregistra The Coca Cola Music Awards f'ismu u esebixxa kopja ta' din ir-registrazzjoni li giet mmarkata bhala Dok NM. Huwa spjega li kien hemm bord fejn hu kien ic-chairperson tieghu stess u meta jghid li huma kienu responsabbli hu qed jirreferi ghalih innifsu flimkien ma' dan il-bord. Huma kienu jhejju din l-attivita' kull sena. Pero' t-trademark giet registrata minnu stess, kif jirrizulta mid-dokument NM.*

*Mistoqsi x'kuntratt u x'relazzjoni kellu mal-MFCC fis-sena 2009, qal li regolarment kien ihejji din l-attivita' flimkien ma' Carlo Borg Bonaci, pero' f'dik is-sena Carlo Borg Bonaci kien indispost serjament u x-xhud*

*hass li ma setghax izomm dan l-avveniment wahdu. Ghalhekk huwa kien tkellem mal-MFCC fejn qalilhom bil-problema li kellu u huma kienu lesti li jidhlu ghaliha billi jzommuha huma u hu jghinhom mill-expertise tieghu. Naturalment dan l-avveniment xorta gie reklamat f'isem The Coca Cola Music Awards.*

*Ix-xhud spjega li huma jirreklamaw The Coca Cola Music Awards kemm fuq il-website taghhom u kif ukoll fuq il-website ta' l-MFCC. Din is-site ghandu access ghaliha x-xhud biss. Dik is-sena Carlo Borg Bonaci kien indispost u ghalhekk ghamel uzu minnha x-xhud.*

*Il-biljetti gew mibjugha mill-MFCC izda huma bieghu wkoll xi haga minnhom. Il-VAT number li ntuza kien tal-MFCC u mhux taghhom. Ix-xhud sostna li lill-MFCC ma semmielhomx li ghandhom kuntratt mas-socjeta' attrici ghax effettivament ma kienx jaf li hemm kuntratt. Kieku kien isemmieh.*

**Noel Magri** *rega' xehed nhar id-29 ta' Frar 2012 u kkonferma li kienet is-socjeta' MFCC li kienet responsabbli ghas-sales tal-biljetti ghall-Malta Music Awards tat-2009. Ikkonferma li s-sales saru minn fuq il-VAT Number tal-MFCC. Huwa ma ghandux kopja tal-accounts ta' dik is-sena pero' ddikjara li seta' jgibhom.*

**Noel Magri** *rega' xehed nhar id-29 ta' Marzu 2012 u esebixxa l-accounts tat-ticket sales li saru dak in-nhar ta' l-attivita Malta Coca Cola Music Awards fil-5 ta' Dicembru 2009. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument MCC.*

**Colin Fitz** *prodott mill-konvenuti xehed nhar id-29 ta' Frar 2012 u muri ritratt li jidher at fol 54 tal-atti tal-Malta Music Awards qal li dik hija il-persuna tieghu. Huwa stqarr li kien qed jghin fil-public relations tal-Malta Music Awards. Fil-fatt fil-hajja, huwa editur tal-magazine li jismu First Magazine li johrog mal-gazzetta ta' nhar ta' Hadd, dwar il-lifestyle tal-Maltin.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici pprezentata nhar l-14 ta' Awwissu 2012 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Emanuel sive Noel Magri pprezentata nhar it-13 ta' Settembru 2012.*

***Kunsiderazzjonijiet ta' dritt.***

*Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici qed tallega li l-konvenuti qabdu u bieghu numru ta' biljetti ghall-avveniment The Malta Coca Cola Music Awards li sar nhar il-5 ta' Dicembru 2009 u ma halsuhiex il-commission dovuta lilha skond il-ftehim ezistenti bejnhom. Ma hemmx dubju ghalhekk li hija s-socjeta' attrici li trid tipprova li kienu l-konvenuti li bieghu l-biljetti, kemm inbgieghu biljetti minnhom u kemm gabru flus l-konvenuti bhala rizultat ta' tali bejgh sabiex tinhadem il-kummissjoni dovuta lilha. Is-socjeta' attrici qed tallega li kien hemm inadempjenza kontrattwali minn naha tal-konvenuti.*

*Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per l-Imhallef Pace nhar il-25 ta' April 2002 fl-ismijiet '**Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et'** dwar x'tip ta' prova ghandha tistrieh fuqha il-Qorti.*

*F'din il-kawza inghad li "Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

*Fis-sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-28 ta' Marzu 2003 fis-sentenza fl-ismijiet '**Emmanuel Ciantar vs David Curmi et'** inghad li:*

*'Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet*

*forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.'*

*Naturalment is-socjeta' attrici li tallega l-kreditu ghandha fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa' jimpera l-principju 'actor non probante reus absolvitur'.*

*Illi s-socjeta' attrici qed titlob is-somma imsemmija fir-rikors promotur u cioe' is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin Ewro u sebgha u tmenin centesmu (€11,646.80) jew somma verjuri in linea ta' danni likwidati mis-socjeta' attrici.*

*F'dan ir-rigward għandha ssir distinzjoni bejn it-tipi ta' responsabbilita' li taħthom tista' tinstab xi ħtija: dik contrattuale u dik extra contrattuale jew aquiliana. Kif tikkummenta l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza '**Josef Galea vs Combinati Transport Services** Limited noe', deciza fit-30 ta' Marzu 2001 fejn gie ritenut li:*

*"Prinċipju indubjament korrett li kellu ... jiġi provat in-ness ta' kawża u effett bejn id-danni reklamati u l-aġir ta' min ikun ikkaġuna d-danni.*

*Danni derivanti minn inadempjenza kontrattwali għandhom ikunu ristretti u relatati ma' dik l-inadempjenza u għandhom ikun konsegwenzjali għaliha."*

*Huwa evidenti li fil-każ in eżami r-rapporti reċiproċi bejn il-kontendenti jirriżultaw mis-'service agreement' redatt permezz ta' l-iskrittura privata ta' l-27 ta' Ottubru 2008 esebit fl-atti u markat bhala dok A a fol. 2 . Dan*

*hu l-istrument vinkolanti li jirregola r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u dan jammonta ghal dak li jissejjah 'pacta sunt servanda'.*

*Fis-sentenza tagħha mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet '**Dr. Max Joseph Ganado noe vs Dr. Philip Sciberras noe'** deciz nhar it-23 ta' Frar 2001 intqal illi:*

*"... huwa ċar u manifest illi d-danni li qiegħed jirreklama l-attur nomine huma danni ex contractu u mhux ex delicto għaliex l-azzjoni kif proposta mill-attur nomine hija effettivament ibbażata fuq allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut nomine u l-attur nomine qiegħed jitlob riżarċiment għad-danni minnu sofferti per konsegwenza tal-allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut nomine."*

*Kif anke tesponi dettaljatament il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet '**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Angela Xuereb noe',** deciza fit-3 ta' Lulju 2003 fejn intqal li:*

*"Kif ingħad, ir-responsabbilita' għad-danni tista' tkun waħda minn żewġ tipi – (i) dik magħrufa bħala responsabbilita' contrattuale u (ii) dik magħrufa bħala responsabbilita' extra contrattuale jew aquilina. Dawn iż-żewġ tipi ta' responsabbilita' għad-danni għandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom – (i) l-oneru tal-prova; (ii) l-effetti ġuridiċi; u (iii) it-terminu entro liema l-azzjoni għad-danni, nascenti mit-tip ta' responsabbilita speċifika, għandha tiġi istitwita.*

*Fil-każ ta' azzjoni għad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale (kif inhu il-kaz odjern ) l-attur għandu jipprova li huwa kellu favur tiegħu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li għandu l-oneru ta' prova iktar diffiċli mpost fuqu, stante li l-konvenut għandu jiġġustifika l-inadempjenza kontrattwali tiegħu u jipprova li tali inadempjenza se mai rriżultat minħabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.*

*Fil-każ ta' azzjoni għad-danni nascenti mir-responsabbilita extra-contrattuale ( li mhux il-kaz ) huwa l-attur li għandu oneru ta' provi iktar diffiċli mpost fuqu għaliex f'tali każ huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-aġir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert."*

*Minn dan huwa ċar għalhekk li d-distinzjoni fundamentali ta' dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet hija l-eżistenza o meno tar-rabta obbligatorja anteċedent għall-att jew ommissjoni li jkun wassal għall-allegat dannu lamentat mis-socjeta' attrici.*

*Illi ghalhekk l-partijiet kienu marbuta bil-ftehim skritt taghhom li rregola ir-relazzjoni kontrattwali taghha u hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Francis Paris et vs Maltacom plc',** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta' Ottubru 2004 fejn inghad li:*

*"Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom hu prezunt li qabel ma jiffirmaw dak il- ftehim qiesu c-cirkostanzi tal-kaz u ta' l-interesssi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' il- bejn kontendenti, u mhux xi principju iehor anchorche bazat fuq ekwita. Il-principju tar-rispett ghal volonta tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftiehmu fuqu il-partijiet ghandu 'forza ta' ligi' ghalihom... u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftiehmu bil-volonta taghha".*

*Referenza ohra ghal dan il-principju dwar l-istitut tal-pacta sunt servanda huwa ritenut fis-sentenza '**Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited'** deciza mill-Qorti Prim'Awla fit-30 ta' Ottubru 2003 fejn inghad li:*

*"Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejneithom ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftiehmu fuqu nizluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti idahhal f'dak*

*il-ftehim klawzoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawzoli sekondarji li jkunu qieghdin ifissru jew jiccaraw il-klawzoli principali" (vide ukoll Appell 31.5.1943* ***Farrugia vs Piscopo)***

*In oltre ta' portata ghal din is-sentenza huwa dak rilevat f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Novembru 1983 '****Albert Brincat et vs Ant Saliba pro et noe'*** *fejn il-Qorti kienet qalet illi ma kienx permessibbli li jingieb xhieda orali biex tigi spjegata skrittura privata illi kienet cara u li ma kienet thalli l-ebda dubju. Dana huwa konformi mat-taghlim fid-dritt Ruman li "Quoties in verbis nulla est ambiguitas ibi nulla exposito verba fienda est"*

***Dwar il-fatti odjerni.***

*Is-socjeta' attrici qed tghid li hija kienet iffirmat kuntratt ma' Noel Magri ghan-nom tad-ditta Mega Music Management International fejn il-konvenuti kienu appuntaw lis-socjeta' attrici bhala the 'Exclusive Provider of admission tickets to each event" li torganizza. Waqt li l-konvenuti intrabtu li jhalsu lis-socjeta' attrici ghal dan is-servizz ta' bejgh ta' biljetti maghmul minnhom bil-modalita' imsemmija fl-istess kuntratt Dok A.*

*Mill-provi prodotti jirrizulta minghajr ebda dubju li s-serata annwali maghrufa bhala The Malta Coca Cola Music Awards li kienet tigi organizzata kull sena mis-socjeta' konvenuta, fis-sena 2009 giet organizzata mill-MFCC u dan ghaliex l-konvenuti kellhom xi ntoppi.*

*Jirrizulta mix-xhieda prodotta u appuntu mill-konvenuti li ma gietx kontestata, li l-konvenut Noel Magri kien jorganizza din l-attivita' flimkien ma' Carlo Borg Bonaci ta' kull sena. Pero' per sfortuna dik is-sena Carlo Borg Bonaci kien indispost serjament u ma setghax ighin fl-organizazzjoni u preparamenti ta' tali attivita'. Ghalhekk Noel Magri ma xtaqx jiehu hsieb din l-attivita' wahdu peress li fl-imghoddi hafna mix-xoghol kien jaqa' fuq Carlo Borg Bonaci u konsegwentement Noel Magri*

*xtaq jikkancellha. Dan jirrizulta bic-car mill-e-mail li giet mibghuta lill-attur nhar it-18 ta' ottubru 2009 jigifieri xahrejn qabel ma saret l-attivita' u f'din l-e-mail Noel Magri jghid hekk "Mega Music Management are not organising this year's MMA. Reuben Caruana is...." (Dok MT a fol. 33 tal-atti. L-istess gie kkonfermat minn Carlo Borg Bonaci f'email tieghu datat 19 ta' Ottubru 2009 fejn stqarr is-segwenti – "This year I have no connection with the MMA's...since MFCC has taken over the event" (vide Dok MT a fol. 32 tal-atti). Issa l-attur fix-xhieda tieghu tas-17 ta' Jannar 2012 jaqbel li huwa kien gie mgharraf li l-konvenuti ma kienux ser ikunu responsabbli ghal din l-attivita' u 'ghid "It is true that the defendent had informed me prior to the holding of the event that the event was going to be held by MFCC" jkompli jghid pero', u din hija importanti ghall-mertu tal-kawza in desamina li "however even though this event was held under the auspices of MCC, I felt that it is still their event and therefore I insisted to be paid".*

*L-MFCC xtaqet izzomm din l-attivita' hi stess ghaliex kienet avveniment ta' kull sena u ma xtaqitx tbiddel il-kalendarju taghha. Fil-fatt kienet appuntat kumitat sabiex jiehdu hsieb l-organizazzjoni u l-bejgh tal-biljetti. Carlo Borg Bonaci kien biss konsulent u fil-fatt, skond ix-xhieda li ta l-istess Borg Bonaci kif rapportata aktar 'l fuq, kienet l-ewwel darba li huwa hareg mid-dar wara tmien xhur u cioe' fil-jum tal-attivita'.*

*Gie spjegat li f'attivita' bhal din ma tantx ikun hemm qliegh ghaliex l-ghan ewlieni hu li tigi promossa l-kanzunetta Maltija. Noel Magri jghid li fil-fatt ghal din l-attivita' ma tantx inbieghu biljetti u dawk li inbieghu, inbieghu direttament mill-MFCC tant li sahansitra anke il-VAT number tal-MFCC intuza ghal din l-attivita' kif ikkonferma d-Direttur tal-MFCC Reuben Caruana. Reuben Caruana fix-xhieda tieghu tad-29 ta' Frar 2012 jghid li l-MFCC hadet hsieb kollox dakinhar u cioe' is-sound, l-isponsors, il-bejgh tal-biljetti u sahansitra anke l-accounts. Ghamel*

*referenza wkoll kopja tal-accounts nhar id-29 ta' Marzu 2012 li gew immarkati bhala Dok MCC u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li inbieghu biljetti b'valur totali ta' hamest elef, mitejn u sittin Ewro (€5,260).*

*Minn naha l-ohra s-socjeta' attrici harket bhala xhud lil Dr David Pollina u dan spjega kif kien ghamel il-kuntratt mal-konvenuti u spjega li l-konvenuti kienu intrabtu li jbieghu kull biljett ghal kull attivita' li jzommu tramite is-servizz taghhom. Jghid li fil-fehma tieghu din l-atttivita' 'The Coca Cola Malta Music Awards' inzammet mill-konvenuti u li effettivament inbieghu numru ta' biljetti pero' mhux tramite s-servizz taghhom, izda nonostante dan, dehrlu li kellu jfittex lill-konvenuti ghad-danni.*

*L-attur jghid li l-konvenut Carlo Borg Bonaci mhux vera hareg ghall-ewwel darba meta kien hemm l-attivita' izda li kien parti mill-organizazzjoni tal-attivita', tant li deher fuq il-kumitat organizzattiv tal-press conference li inzammet dwar din l-attivita'. Sabiex ikompli jiskredita lil Borg Bonaci, huwa esebixxa ritratt tal-press conference, fejn allega li Carlo Borg Bonaci kien jidher fir-ritratt esebit a fol. 54 bhala parti mill-kumitat organizzattiv, pero' mill-provi jirrizulta li dan kien il-persuna ta' Colin Fitz li xehed il-Qorti u kkonferma li l-persuna fir-ritratt esebit hija l-persuna tieghu u mhux dik ta' Carlo Borg Bonaci. Jidher minn ezami ta' dan il-press release li verament din l-attivita' inzammet mill-MFCC.*

*Meta ix-xhud Dr. Pollina gie mistoqsi kemm inbieghu biljetti jghid li ma jafx u mistoqsi kif kien qed jibbaza it-talba tieghu ghad-danni jghid li kien halla kollox f'idejn l-avukat tieghu. Huwa ghamel referenza ghal dak li kien hemm imnizzel fil-website tad-The Coca Cola Malta Music Awards fejn hemm imnizzel li hija attivita' annwali u li ghaliha jattendu aktar minn hamest elef ruh u kien ghalhekk li qed jippretendi l-kommissjoni fuq*

*dak l-ammont ta' biljetti u cioe' ta' hamest elef biljett. Minkejja li Reuben Caruana jghid li kienu qasmu mad-disat elef biljett complimentary.*

***Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti peress li gja inghatat sentenza dwarha, qeghda tilqa' l-ecezzjonijiet l-ohra u dan ghaliex fil-fehma taghha l-attur ma irnexxilux jipprova li l-konvenuti kienu responsabbli ghaz-zamma tal-attivita' in kwistjoni izda kienet l-MFCC li kienet responsabbli u ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx jitqeghdu f'posizjoni li jwiegbu ghaliha.***

***L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur."***

Illi s-socjeta attrici MaltaTicket.com hassitha aggravata minn dina d-decizjoni u ghalhekk interponiet dana l-appell fejn ressqet aggravvju wiehed meta ilmentat illi l-fatti tal-kaz ma ssarfux fis-sentenza konsegwenzjali li kellha tinghata ghaliex l-Ewwel Qorti iffokat l-attenzjoni taghha fuq il-fatt jekk l-appellat kienx responsabbli o meno tal-avveniment tal-CocaCola Malta Music Awards tas-sena 2009, mentri dak li kellha tistharreg kien jekk l-istess avveniment kienx wiehed tal-appellat o meno ghall-iskopijiet ta' dak pattwit fil-kuntratt milhuq bejn il-partijiet fejn huwa kien obbligat jingaggja s-servizz tas-socjeta appellanti ghall-avvenimenti kollha tieghu, anke jekk l-istess ma gietx organizzata minnu. Gjaldarba gie stabbilit illi l-avveniment kien proprjeta ta'l-appellat huwa kien obbligat jingaggja s-servizzi tas-socjeta appellanti skont il-ftehim milhuq irrispettivament jekk l-avveniment giex organizzat minnu jew minn terzi.

Illi minn qari ta'l-impunjattiva imressqa 'il quddiem mis-socjeta appellanti jidher illi punt fokali idur madwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lid-dictura tal-kuntratt iffirmat bejn il-ko-litigandi fejn l-appellat

f'isem id-ditta Mega Music Management International ingaggjat is-servizzi ta' biljetterija tas-socjeta appellanti ghall-eventi li jsiru mill-istess ditta. Illi minn harsa lejn il-ftehim esebiet bhala Dokument A il-partijiet ftiehmu illi s-socjeta appellanti kellha tipprovdi is-servizz ta' bejgh ta' biljetti ghal "***all events of Organiser***". Illi s-socjeta appellanti taghti it-tifsira lil dina l-frazi differenti minn dik li tinghata mill-appellat u li giet ukoll moghtija mill-Ewwel Qorti li sahhqet illi gjaldarba l-avveniment tal-Coca Cola Malta Music Awards tas-sena 2009 ma giex organizzat mill-appellat, u d-ditta tieghu, izda mill-organizzaturi tal-Malta Fair and Conventions Centre maghrufa bhala l-MFCC, allura dan il-ftehim ma kienx jorbot tali avveniment.

Gara illi ghalkemm d-ditta appellanti kienet mit-twelid ta' dan l-avveniment tiehu hsieb l-organizzazzjoni tieghu tant illi fis-sena 1995 kien gie registrat *trademark* li kien ighaddi il-jeddijiet ta' proprjeta lid-ditta appellata tal-isem MALTA MUSIC AWARDS (numru 24527), madanakollu ghas-sena 2009 hija ma setatx tiehu hsieb l-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment ghal ragunijiet personal tal-organizzaturi taghha u cioe' ta'l-appellat u certu Carlo Borg Bonaci li kien ighinu, u ghalhekk gie deciz illi ghal dik is-sena l-avveniment kellu jigi organizzat mill-Malta Fairs and Conventions Centre, l-MFCC, b'dan ghalhekk illi l-appellat jallega illi ghadda biss il-koncessjoni ta'l-uzu ta'l-isem lis-socjeta MFCC u dan ghal finijiet ta' kontinwita'. Illi ghalhekk l-appellat jaghti interpretazzjoni differenti lil ftehim mertu tal-kaz u jishaq illi huwa kien obbligat jingaggja s-servizzi tas-socjeta appellanti biss ghal dawk l-avvenimenti li kienu jigu organizzati mid-ditta immexxija minnu u mhux minn terzi. Jargumenta illi ghalkemm il-marka distintiva hija irregistrata f'ismu, madanakollu dan ma ifissirx illi huwa akkwista proprjeta

inaljenabbli tal-attivita'. Illi gie deciz illi meta l-partijiet jaghtu tifsiriet differenti lill-klawsoli kontrattwali:

*"**Dan iwassal biex logikament l-gudikant jehtieglu jgharbel u jara, bejn iz-zewg interpetazzjonijiet possibbli, hekk posti quddiemu, liema minnhom hi l-izjed verosimili u konsistenti in subjecta materja ma' l-oggett tal-ftehim (Art 1005 tal-Kodici Civili) u l-izjed attinenti ghal presumibbli volonta' tal-kontraenti. Kif ravvisat fis-sentenza "Elena Micallef –vs- Edwardo Ciantar", 3 ta' Jannar 1884 (Vol X p345), "quando insorgono difficolta' sulla intelligenza delle condizioni di un contratto e sulle sue conseguenze, la Legge fornisce alcune norme indicative e dimostrative e criteri direttivi, come mezzi d'interpretazione, senza vincolare la liberta' del giudicante, tenuto a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso". Dan kollu jikkonduci, b'necessita' guridika, ghall-ezami ta' dawk il-kanoni ta' l-ermenewtika applikabbli ghal kuntratti in generali, ben analizzati fid-decizjoni a Vol XII p265.***

***L-ewwel regola fondamentali ta' l-interpretazzjoni hi dik dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li tghid li meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni. (Vol XXXIV p1 p27). L-interpretazzjoni ghandha biss tittiehed mill-att stess, u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relativa ghal kwistjoni principali (Vol XXXI pI p49). Regola ohra daqstant importanti ta' interpretazzjoni hi dik li nsibu fl-Artikolu 1003, u cjoe', li meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kif tkun tidher cara mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar din ir-regola gie hekk osservat:- "Issa din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju illi s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jigi interpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha. U dan irid jidher car mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien" – "John Bartolo et –vs- Alfred Petroni et", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997. Ben tajjeb, imbaghad, gie senjalat illi "fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-qari***

***oggettiv tal-gudikant li jaghti lil kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jghodd: -"John Zammit –vs- Michael Zammit Tabone et noe",Appell, 28 ta' Frar 1997. Naturalment ma jistax jonqos illi l-gudikant, anke jekk strettament mhux marbut bil-precedent, ikollu l-ghajnuna u l-gwida ta' dik il-gurisprudenza awtorevoli li fuq is-suggett giet meqjusa bhala l-aktar akkreditata.[1]"*** –

Illi minn qari tal-ftehim milhuq bejn il-ko-litigandi ghandu johrog illi dan indubbjament jirreferi ghal bejgh ta biljetti ghal kull attivita li tigi organizzata mill-appellat bhala firmatarju ta' din il-konvenzjoni. Tant hu hekk illi fl-istess ftehim hemm pattwit il-mod kif is-socjeta appellanti bhala is-socjeta responsabbli ghal bejgh tal-biljetti kellha tghaddi ir-rikavat tal-bejgh lill-organizzatur. Interpretazzjoni xort'ohra ma taghtix sens lill-akkordju milhuq bejn il-partijiet ghaliex jekk avveniment ma ikunx gie organizzat mill-appellat, kwindi lanqas ma ikun intitolat ghall-korrispettiv mill-bejgh konsegwenzjali tal-biljetti ghal tali avveniment. Kwindi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni moghtija mis-socjeta appellanti illi gjaldarba l-attivita tal-Malta Music Awards kienet il-"brainchild" tad-ditta appellata, kwindi il-ftehim milhuq bejniethom kellu jorbot lill-partijiet anke fl-eventwalita illi din l-attivita tghaddi f'idejn haddiehor u cioe terz li huwa ghal kollox estranju ghall-akkordju milhuq bejniethom. Il-bejgh tal-biljett huwa strettament marbut mal-introjtu li jigi registrat ghall-avveniment organizzat. L-ispartizzjoni ta' dan ir-rikavat necessarjment irid isir bejn in-nies involuti fl-organizazzjoni ta'l-istess u mhux ma' min huwa biss *prestanome* izda ma ikollu l-ebda involviment fit-tmexxija ta'l-istess. Tifsira mod iehor, kif diga inghad, ma taghmilx sens.

Stabbilit ghalhekk illi l-interpretazzjoni li kellha tinghata lil din il-klawsola fil-ftehim kellha tigi interpretata biss fis-sens illi l-appellat kien qed jintrabat lejn is-socjeta appellanti biss ghal dawk l-attivitajiet organizzati minnu, il-Qorti hija prekluza milli issa tidhol biex tirrevedi il-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tikkonkludi illi dan l-avveniment musikali kien fil-fatt gie organizzat minn terz u mhux mid-ditta appellata u dana ghaliex is-socjeta appellanti ma tressaq l-ebda aggravvju konness mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti fil-mertu. Dan qed jinghad il-ghaliex fil-fehma ta din il-Qorti il-konvenut ma irnexxielux iressaq

[1] Clementino Caruana vs Emanuela Agius deciza App.Inf 22/11/2002

provi sodisfacjenti sabiex isostni l-eccezzjoni minnu sollevata. Dan ghaliex mill-atti probatorji jirrizulta illi l-attivita tal-Malta Music Awards ta' kull sena kienet tigi organizzata mill-appellat bl-ghajnuna ta' certu Carlo Borg Bonaci. Din l-attivita kienet issir gewwa Ta' Qali fil-Malta Fair and Conventions Centre. Illi qatt ma gie esebiet l-ebda ftehim minn fejn jirrizulta illi avveniment ta' dina l-iskala hekk kbira ma kienx ser jigi organizzat mid-ditta appellata izda minn organizzaturi ohra. Illi din il-Qorti ghalhekk tistqarr illi ghandha dubbju serju kemm fil-verita dak mistqarr mill-appellat huwa verosimili. Ibda biex mill-korrispondenza skambjata bejn il-ko-litigandi f'Ottubru 2009 permezz ta' *e-mails* jidher illi ir-raguni 'il ghala ma kenux ser jintuzaw is-servizzi tas-socjeta appellanti ghal bejgh tal-biljetti ma kienx il-fatt illi l-attivita ma kenitx ser tigi organizzata mid-ditta appellata izda ghaliex l-appellat ma xtaqx juza is-servizzi tas-socjeta appellanti. Fil-fatt anke isir ilment dwar is-servizz moghti fis-sena precedenti u anke tingieb l-iskuza illi l-ftehim kien jirrigwarda l-attivita tas-sena 2008 u mhux dik tas-sena 2009. Illi meta l-appellat u s-socju tieghu indunaw illi s-socjeta appellanti baqghet tinsisti ghar-rigward ta'l-obbligazzjoni kontrattwali minnhom assunti, imbaghad harrget l-istorja illi l-attivita kienet ser tigi organizzata mill-MFCC u mhux mid-ditta appellanti.

Illi di piu' hemm provi dokumentali fl-atti fosthom kopji tal-*webpages* tad-ditta appellata in konnessjoni ma' dan l-avveniment minn fejn jirrizulta mhux biss illi l-attivita kienet qed tigi organizzata taht isem id-ditta appellata izda li kien qed jidher bhala Chairman l-istess Noel Magri u mhux biss bhala konsulent jew "espert". Di piu jidher illi l-MFCC hija imnizzla bhala wahda mill-i*sponsors* tal-attivita u mhux bhala l-organizzatur. Illi ukoll il-fatt illi l-gbir tat-taxxa fuq il-valur mizjud ghal-biljetti mibjugha sar mill-MFCC, ma ifissirx necessarjament illi l-attivita kienet qed tigi organizzata minnha, izda kif hemm rifless fl-ittra mibghuta lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 19 ta' Ottubru 2009, il-kumpanija kienet ser tkun responsabbli biss ghal bejgh tal-biljetti u ghalhekk mhux ukoll ghal organizzazzjoni tal-istess[2]. Illi madanakollu, ghalkemm jirrizultaw dawn ir-riljevi processwali, din il-Qorti hija prekluza milli tissindika il-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament minnha maghmul tal-provi li kien hemm quddiemha billi kif diga inghad is-socjeta appellanti ma tressaq l-ebda aggravvju fir-rigward.

---

[2] Ara Dokument Z a fol.59d

Ghal dawn il-motivi l-appell imressaq mis-socjeta appellanti qed jigi michud bl-ispejjez kontra taghha.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur